Minuti ta' l-15 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 19 ta' Frar, 2014. Il-laqgha nbdiet hin 3.40pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli Depasquale |

Il-Vici Sindku talab permess minghand is-Sindku sabiex jaqra korrispondenza. Is-Sindku ta' l-permess tieghu.

Il-Vici Sindku qassam lill-membri kollha u qara l-ittra tieghu datata 17 ta' Frar, 2014 fejn fost l-ohrajn qal li minhabba l-kaz pendenti fil-Qorti s-Sindku kien irrezenja mill-Partit Nazzjonalista u ma kienx iddikjara waqt il-laqgha precedenti tal-Kunsill li sar Sindku ndipendenti u li dan kien zball kbir min naha tieghu. Huwa talab lis-Sindku jaghti r-rizenja tieghu minn Sindku sabiex ma jintefax dell ikrah fuq il-Kunsill u sabiex ma jkunx hemm bzonn li wiehed jirrikorri ghal mezzi ohra. Huwa iddikjara ukoll li huwa mhux jaghmel dan sabiex jilhaq Sindku hu ghax fl-eta' tieghu m'ghadx ghandu wisq ambizzjoni u pretenzzjonijiet biex ikopri din il-kariga.

Is-Sindku irringrazzja lil Vici Sindku u iddikjara li huwa dejjem cahad bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet li saru kontrieh u li m'ghandux intenzjoni li jirrizenja.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tal-15 laqgha.

1.1 Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni li l-isem tas-Sindku kien David Apap Agius u mhux kif kien qed jigi imnizzel fil-Minuti, David Apap. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din il-korrezzjoni.

1.2 Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni li l-kompetizzjoni tal-Hotdogs li ser tigi organizzata waqt is-serata tal-karnival kienet fir-realta' suggeriment tieghu. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din il-korrezzjoni.

1.3 Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni li hu kien issugerixxa li ghandha titranga l-mera ta' fejn Ta' Sajf Supermarket u fil-minuti ma giex imnizzel li l-Kunsill kien qabel li ghandha titranga. Il-Kunsill qabel li ghandha ssir din il-korrezzjoni.

1.4 Il-Minuti ta' l-14 laqgha gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

1.5 Il-Vici Sindku gibed l-attenzjoni li huwa staqsa l-ghaliex l-ispiza tal-Kampnari tal-Knisja huwa differenti wiehed mill-iehor. Is-Sindku spjega li l-prezzijiet jigu sottomessi mill-kuntratturi u kif jidher skond l-offerti sottomessi kien hemm differenza ta' €1000 bejn kampnar u iehor.

Il-Vici Sindku zied jghid li huwa kellu impressjoni li z-zewg kampnari kien ser jigu restawrati. Is-Sindku spjega li l-Perit jiehu hsieb jipprepara d-dokument ta' l-offerta' bil-kwantitajiet u dan ikun jirrifletti x-xoghol approssimattiv u l-kwantitajiet ikunu biss indikativi filwaqt li ikun hemm ukoll ammont mahsub ta' kontingenza minhabba li wiehed ma ikunx jaf b'certezza ix-xoghol x'jirrikjedi. Is-Sindku qal li huwa dejjem mexxa b'kawtela u dejjem stenna il-kontijiet qabel jidhol ghall-*commitments* ohra u f'dan il-kaz hekk kif ikun ippreparat il-kont ta' l-ewwel kampnar sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddeciedi jekk jidholx ghal x-xoghol tal-kampnar l-iehor. Is-Sindku spjega ukoll li fil-progett originali kien hemm inkluz biss ir-Restawr tal-Kapella ta' San Dimitri, tal-Knisja taz-Zejt, tal-Bridge ta' Sdieri, is-Salib tal-Pjazza u ta' kostruzzjoni ta' Rubble Walls. Ix-xogholijiet l-ohra tar-Restawr li fosthom inkludew il-pavimentar tal-Pjazza, ir-Restawr tal-Faccata tal-Knisja u r-Restawr tas-Shelter setghu isiru biss permezz ta' *savings* li kien ghad baqa' mix-xogholijiet konkluzi originarjament.

Emanuel Muscat staqsa jekk il-kwantitajiet kienux realistici anke peress li l-kwantitajiet ma kienx jidher li huma differenti bejn kampnar u iehor. Is-Sindku spjega li il-kwantitajiet fl-offerta' kienu biss approssimattivi u indikativi u ix-xoghol ikun determinat hekk kif ikunu konkluzi ix-xogholijiet. Is-Sindku zied jghid li il-kont jinhadem fuq ix-xoghol li jinstab rejalment.

1.6 Il-Vici Sindku semma l-kont tal-PA u Light System waqt Seher il-Punent fejn l-istess kuntrattur Joe Louis / Jason Caruana kienu hadu ukoll il-Bar waqt din l-attivita'. Huwa staqsa ghaliex kien hemm differenza u jekk il-hlas ta' l-isponsor kienx wasal il-Kunsill. Is-Sindku spjega illi dan il-kont kien trattat f'laqgha precidenti u kien inkluz fis-skeda tal-pagamenti u kien approvat uninament u jistax jifhem ghaliex qed jitqajjem dan il-kaz ghad-diskusjoni. Huwa zied jghid li ma ghandu l-ebda problema sabiex iwiegeb u qal li fuq il-kwotazzjoni li ukoll kienet ghadiet mil-laqgha u giet approvata l-imsemmi kuntrattur kien inkluda xi extras peress li ma kienux mitluba

fil-kwotazzjoni f'kaz li l-Kunsill jigi bzonn taghhom. Dawn l-extras li zdiedu ma' l-ispiza originali kienu generator standby waqt is-serata li kellu jingab f'kaz ta' emergenza kif ukoll apparat zejjed f'kaz li tiddahal band extra fil-programm. Fil-verita' ghal attivita bhal din *stand by* Generator ikun mehtieg. Fejn jidhol il-programm id-deputat Segretarju intalab igib il-programm originali u dak propja li sar fejn kien innutat li il-group ta' zeffiena ta' Doris Bugeja kien hassar u floku kien dahal grupp ta' l-Aurora u Band ta' Melanie. Dwar il-hlas tal-bar id-Deputat Segretarju Ezekuttiv intalbet tipprezenta l-iskeda tal-pagamenti kif ukoll l-kwotazzjoni sottomessa u l-ircevuta tal-hlas bhala verifika ta' dan.

1.7 Il-Vici Sindku semma l-Latrina ta' Pinu fejn staqsa ghaliex f'din il-latrina li bhalissa qeghda tigi miftuha mill-Gharb Rangers F.C. hemm iktar xoghol fiha u tithallas inqas minn dik ta' Triq Trux. Is-Sindku spjega li kif kien diga gie diskuss fl-laqgha precedenti tas-sitt legislatura tal-Kunsill kien ser jinbeda l-Progett li ghandu s-Santwarju ta' Pinu f'dan il-bini u kien ghalhekk li kien gie deciz li dan is-servizz ghandu jigi offrut lill-Gharb Rangers F.C. b'mod temporanju. Meta jinbeda' x-xoghol fuq il-progett u ghalhekk il-bini li fih tinsab il-latrina jitwaqqa' dan is-servizz jieqaf u terga' tinhareg offerta gdida hekk kif jitlesta' x-xoghol.

Is-Sindku spjega ukoll li din l-offerta' kienet giet offruta' lill-Gharb Rangers F.C. wara li kienet harget is-sejha ghal offerti goda minhabba li il-kuntrat kien spicca u l-offerta li kienet intefet kienet gholja min dak mahsub mil-kunsill. Is-sindku kompla jispjega li il-kunsill kien qabel li jofrija l-ewwel l-offerent b'prezz baxx u dan sa ma jibda il-progett. Peress li l-kuntrattur ma kienx acceta dan il-kuntrat kien ofrut lill-Gharb Rangers peress li huma kienu diga urew interess li jaghmlu xoghol simili fil-latrina ta' fejn il-Playing Field la darba tohrog l-offerta'.

1.8 Il-Vici Sindku issuggerixxa li la darba il-latrina qed tinzam maghluqa it-tabelli jindikaw il-latrina ta' fejn hemm il-playing field ghandhom jinqalghu.

1.9 Emanuel Muscat staqsa dwar ir-rapport tal-patching li kellu ihejji l-perit. Huwa zied jghid li Joe Grima kien diga ssottometta rapport tal-patching. Is-Sindku spjega li l-Perit kien gie inkarigat sabiex jaghmel updated ta' dan ir-rapport peress li l-WSC min zmien ghal zmien jaghmlu xoghol ta' mautenzjoni u jaghtu servizzi godda.
Emanuel Muscat staqsa dwar jekk kienx necessarju li l-Kunsill jerga' ihallas lill-Perit sabiex jerga jaghmel dan ix-xoghol. Is-Sindku spjega li l-perit jithallas fil-managment fee kif jitlesta' x-xoghol.

Ĉrotulli O.

1.10 Is-Sindku semma li l-Kunsill Lokali tax-Xewkija kien qiegħed jiddiskuti mall-Water Services Corporation sabiex jidhol fi ftehim biex isir patching minn Joseph Magro miz-Zebbug biex isiru r-reinstatements. Huwa zied jghid li jekk dan l-ftehim isir u l-Kunsill jaqbel ikunu jistghu jsiru diskussjonijiet bejn il-Kunsill u l-Water Services Corporation.

1.11 Regghet waqghet id-diskussjoni fuq Seher il-Punent. Il-Vici Sindku qal li fl-opinjoni tieghu il-generator li kien imnizzel bhala extra kellu jigi inkluz minn qabel. Huwa zied jghid li kellu ikun mahsub ahjar. Is-Sindku spjega li mhuwiex daqshekk facli li torganizza attivita' bhala Seher il-Punent u meta harget is-sejha din kienet tindika biss dak li kien hemm bzonn fejn jidhol dawl u sound. Is-Sindku qal li ta' kull sena hu jitlob l-ghajnuna u joffri li xi hadd jidhol ghal organizzazjoni pero' qatt hadd ma ried jidhol responsabbli. Hu talab lill-Vici Sindku jekk hu ikunx lest li jkun responsabbli mis-sistema tal-PA u tad-dawl u mill-organizzazjoni tal-festival.

1.12 Il-Vici Sindku qal li huwa ta' l-opinjoni li minkejja li l-Kunsill jaghzel l-orhos offerta, l-Kunsill ghandu xorta wahda jinnegozja mieghu sabiex jiehu offerta ahjar. Huwa qal li dan ghall-interess tal-Kunsill sabiex jigu utilizzati ahjar il-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li fejn il-Kunsill taht l-amministrazzjonijiet immexija minnu dejjem kien ghaqli u responsabbli u qal li bil-limitazzjoni kollha ta' fondi dejjem irnexxilu jaghmel min Seher il-Punent success wara l-iehor.

1.13 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qassmet kopja ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lòkali u tal-Kodici ta' l-Etika lill-membri tal-Kunsill. Il-Membri tal-Kunsill iffirmaw id-dokument fejn iddikjaraw li ircevew din il-kopja kif ukoll il-formola fejn taw l-informazzjoni taghhom kif mitlub mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**2.0 Karnival**

2.1 Is-Sindku spjega fiex kien jikkonsisti l-programm imhejji ghas-serata u l-Kunsilliera inghataw kopja tieghu inkluz in-nefqa mahsuba.

2.2 Il-Vici Sindku issugerixxa sabiex il-prezentatur ma jkunx dejjem l-istess u jinbidel. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

2.3 Il-Vici Sindku issugerixxa sabiex il-maskarat misterjuz imur ghand il-*judges* biex jaghti ismu fejn b'kollox ikun hemm 10 numri u jinghata numru lil kull maskarat. Meta jingharaf il-judges ghandhom jinformaw lill-prezentatur u dan u jghid li l-maskart misterjuz u n-numru tieghu inkixef u ghalhekk in-nominazzjonijiet jghalqu. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

2.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li gie avvicinat minn Raymond Cauchi minn San Lawrenz minhabba li xtaqu jattendu b'karru tal-karnival u kienu qed jitolbu hlas. Peress li l-budget tal-Kunsill ghall-Karnival ma kienx jippermetti dan, wara diskussjoni, il-Vici Sindku cempel lil Raymond Cauchi biex jinfurmah dwar dan u li jekk jixtiequ jistghu jattendu xorta wahda pero' minghajr hlas. Wara t-telefonata l-Vici Sindku talab sabiex jigi infurmat dwar ir-risposta tas-Sur Cauchi.

2.5 Is-Sindku spjega li minhabba l-problema tat-traffiku peress li t-triq ta' San Lawrenz inghalqet mill-Ministeru ghal Ghawdex huwa kien qieghed jissugerixxi sabiex is-Serata tal-Karnival tigi organizzat quddiem ic-Centru Parrokkjali. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**3.0 Financial Statements**

3.1 Gewipprezentati kopja tal-Financial Statements ippreparati mill-Accountant Johanna Caruana lill-Kunsilliera. Il-Kunsill approva il-Financial Statements.

**4.1 Laqgha Generali Annwali**

4.1 Il-Kunsill qabel li l-Laqgha Generali Annwali ghandha ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu fis-6pm gewwa s-Sala tal-Kunsill Lokali.

**5.0 Aggornament dwar Xogholijiet u Progetti**

5.1 Emanuel Muscat staqsa jekk il-haxix tal-Leisure Park kienx qieghed jinqata'. Is-Sindku spjega li l-haddiem Raymond Rotin kien jiehu hsieb din l-area.

5.2 Il-Vici Sindku qal li l-parti tal-football ground fejn ma jintuzax mill-players hemm il-haxix hazin. Is-Sindku issugerixxa sabiex kuntrattur sabiex jinqata' dan il-haxix. Emanuel Muscat staqsa jekk dan ix-xoghol jistax isir minn Raymond Rotin. Il-Kunsill qabel li x-xoghol ghandu jsir minn Raymond Rotin.

5.3 Is-Sindku semma ukoll il-fatt li hemm problema peress li Raymond Rotin m'ghandux trakk sabiex ikun jista' jgorr il-materjal li jkollu bzonn.

5.4 Il-Vici Sindku staqsa jekk il-Kunsill kellux *grass cutter* sabiex jekk huwa l-kaz jistghu jigu avvicinati l-Gharb Rangers F.C. biex jaqtghu dan il-haxix. Il-Kunsill qabel li l-Vici Sindku ghandu jikkomunika mall-President ta' l-Gharb Rangers F.C. Joe Cauchi sabiex jigi diskuss il-possibilita' li jsir dan ix-xoghol.

5.5 Is-Sindku issugerixxa li l-player tal-Gharb Rangers F.C. jista' jghin lill-haddiem tal-Kunsill Raymond Rotin sabiex isir dan ix-xoghol.

5.6 Il-Vici Sindku staqsa dwar jekk ikunx possibli li jingab *open skip* biex il-haxix li jinqata' ikun jista' jintefa' fih. Is-Sindku spjega li l-problema tkun li ma jkunx hemm bizzejjed biex timla' *open skip.*

5.7 Emanuel Muscat issugerixxa sabiex jingab l-*open skip* u l-istess *open skip* jintuza iktar tard bhala Skip ta' nhar ta' Sibt.

5.8 Is-Sindku spjega li sar ix-xoghol fuq il-pavimentar taz-zuntier tal-Knisja tlesta u d-dawl mall-faccata gie mghoddi ukoll. Huwa spjega ukoll li fuq il-gnub mhux ser isir dawl u ser jitpogga dawl fuq ic-cinta tal-Knisja. Fuq il-baluvastri u t-tarag qieghed jiccekkja dwarhom il-Perit mall-MEPA.

5.9 Is-Sindku spjega li fir-rigward tax-xogholijiet tal-Knisja taz-Zejt huwa kellu laqgha mall-MEPA fejn dawn talbu rapport li fih jindika d-dawl kif kien qabel u kif gie issa amendad.

5.10 Emanuel Muscat qal li peress li bhalissa d-dawl mhux mixghul hija problema ghal min ikun irid izur ic-cimiterju filghaxija. Huwa zied jghid li jista' iwegga' xi hadd u huwa ghalhekk importanti li ssir pressjoni fuq din il-kwistjoni. Is-Sindku spjega li qieghed isir dak kollu mehtieg biex tigi solvuta din il-problema pero' l-parrocca hija responsabbli mic-Cimiterju u hija infurmata fuq is-sitwazzjoni tad-dawl. Huwa fakkar li jekk jinxtel id-dawl il-kunsill ser ikun qed jehel multa kuljùm skond l-avviz li ircieva. Ghalhekk huwa fid-dover taghhom li jiddeciedu jekk jinghalaqx filghaxija.

5.11 Is-Sindku spjega li x-xoghol ta' Restawr fuq is-Shelter tal-Pjazza ghand jonqos biss li jitpogga l-pavimentar.

5.12 Is-Sindku spjega li gew imwahhla t-telephone boxes fil-bidu ta' Sqaq il-Fgura, Pjazza San Pietru u Pjazza Gerano. Ghad baqa' li tehel dik ta' Triq Birbuba u ta' faccata tas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu li bhalissa mhux ser tkun qeghda tehel peress li l-bini irid jinqala'.

5.13 Fir-rigward tax-xoghol tal-kampnar tal-Knisja s-Sindku spjega li x-xoghol ghaddej u li gie ordnat il-gebel li ha jinbidel. Ser jigu ppreparati l-kontijiet tax-xoghol li huwa lest sa issa biex il-Kunsill jara x'fondi jibqa' u jekk hux ha jinghataw estensjoni mill-Managing Authority.

5.15 Is-Sindku spjega li Triq Sdieri kienet garbet hsara fiha u kien sar rapport mil-Perit tal-Kunsill u gie mibghut lil Lorry Apap, Direttur Portelli u lill-Perit Anglu Portelli fil-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Vici Sindku Louis Apap qal li jekk ikun hemm periklu tajjeb li din it-triq

tinghalaq. Il-Kunsill qabel li ser izomm kuntatt mall-Ministeru ghal Ghawdex biex jara x'passi ser jittiehdu u jekk ikun hemm il-bzonn din tinghalaq.

5.16 Is-Sindku spjega li kif kien diga gie diskuss il-Kunsill ha l-fondi taht il-Mizura 125 2nd Call u issa gie mitlub mill-Managing Authority sabiex il-Kunsill imexxi u johrog l-offerti.

## 6.0 Skeda ta' Pagamenti

6.1 Il-Vici Sindku staqsa dwar x'kien jikkonsisti l-kont ta' Dr. Galea & Associates. Gie spjegat li l-Kunsill kien qabel precedentament li ma jintuzax dejjem l-istess avukat. F'laqgha precedenti kien maqbul li l-Avukat Damian Bigeni kellu ikun inkarigat sabiex jahdem fuq il-bye-laws.

6.2 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li minn informazzjoni li ghandu meta jinhargu l-permessi tal-kmamar tan-Nar dawn ikollhom elenkat it-toroq minn fejn iridu jghaddu bin-nar. Ghal dan il-ghan il-Kunsill qabel li ghandu jistaqsi lil Dr. Damian Bigeni dwar dan u jistaqsih jekk tezisti din il-ligi f'dan il-kaz il-bye law tkunx qeghda ssir ta' xejn.

6.3 Il-Vici Sindku qal li l-kont ta' Dr. Josette Spiteri Cauchi kien gholi meta tara dawk ta' l-evalwaturi l-ohra. Il-Kunsill qabel li ghanha tigi ikkuntatjata Dr. Spiteri Cauchi f'dan ir-rigward u tintalab taghti breakdown tal-kont taghha. Kien konfermat li dan il-board kien approvat mil-kunsill f'laqghat precedenti.

6.4 Emanuel Muscat issugerixxa li jkun hemm sealing ghal kull offerta'.

6.5 Is-Sindku issugerixxa li tinhareg offerta' sabiex jinhatar board ta' evalwazzjoni.

6.6 Lisa Marie Brooke qalet li normalment board ta' evalwazzjoni ikun kompost mic-Chairman, Segretarju u tlett evalwaturi.

6.7 Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha prezenti.

6.8 Emanuel Muscat staqsa dwar il-kont tac-Cima Woodworks. Is-Sindku spjega li mill-kuntratt tal-bini tac-Centru Civiku kien inzamm l-ammont ta' €500 minhabba nuqqasijiet bhal ma kienu l-bibien.

6.9 Emanuel Muscat staqsa dwar f'hiex kien jikkonsisti l-kont tas-Security First. Gie spjegat li dan kien il-kont kien ghas-Security li jintuza waqt il-Fiera fil-Bierah.

6.10 Emanuel Muscat qal li waqt il-fiera qed ikun hemm problemi minhabba li qed jokkupaw il-bankini tar-residenti. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjega li s-Security kienu gew avzati biex joqghodu attendi li dan ma jigrix u talab lil Emanuel Muscat jindika liema residenti huma.

6.11 Is-Sindku spjega li l-fieri sa mil-bidu kienet qed tigi organizzata mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill kif kien anke reklamat fuq l-avvizi li inhargu u l-flus li jingabru imorru ghall-banda. Il-kontijiet li irciva il-Kunsill fir-rigward tal-fiera thallsu mill-flus li dahlu sabiex il-Kunsill ma ikunx involut f'spejjez.

6.12 Emanuel Muscat semma ukoll li quddiem is-Showroom ta' Bernard Portelli Woodworks kien mimli zraben.

6.13 Emanuel Muscat issugerixxa sabiex is-Security ikunm hemm il-gurnata kollha sabiex jiehu hsieb li ma jithallew kaxxi fuq il-bankini u dan anke jitnizzel fuq il-kopja tal-permess.

6.14 Emanuel Muscat staqsa jekk Ghadiet Lokali ohra jistghux jorganizzaw fieri min-naha taghhom. Is-Sindku spjega li kull ghaqda tista' tapplika ghal permess ghall-attivitajiet li tkun trid torganizza u jkun fid-derogattiva tal-Kunsill sabiex johrog il-permessi relatati.

## 7.0 Materji ohra

7.1 Emanuel Muscat staqsa dwar it-Triq ta' San Dimitri. Is-Sindku spjega li fil-prezent ghad qed jinhadmu l-kontijiet tat-toroq l-ohra.

7.2 Emanuel Muscat qal li huwa kellu informazzjoni li kien hemm problemi fi Triq Trux li t-triq qeghda izomm l-ilma, fl-area ta' fejn ir-residenti Micallef ta' "Philpol". Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma wasal ebda ilment. Il-Kunsill qabel li ser jiccekkja dwar dan.

7.3 Il-Vici Sindku staqsa dwar il-bollards ta' madwar il-funtana tal-Pjazza. Gie spjegat li l-Kunsill ghadu qed jistenna risposta dwar il-permess min-naha tat-Transport Malta.

Emanuel Muscat u l-Vici Sindku t-tnejn huma ta' l-opinjoni li dawn m'ghandhomx isiru ghaliex jistghu joholqu problemi.

7.4 Gie diskuss l-immanigjar tat-traffiku ta' l-area ta' Birbuba, Mongur u San Pietru minhabba li fil-prezent it-triq ta' San Lawrenz qeghda maghluqa. Il-Kunsill qabel li t-traffiku jitla' minn Triq Birbuba jghaddi ghal Triq Mongur u jinzel minn Triq San Pietru. Min-naha tal-Pjazza ta' San Pietru ikun hemm tabella li tghid "Except for Residents" sabiex ir-residenti ta' Birbuba ikunu jistghu jinzlu.

7.5 Emanuel Muscat talab sabiex tinxtara arm iqsar ghal-bozza Triq 29 ta' Awissu, 1679 kantuniera ma Triq Frenc tal-Gharb peress li jkun hemm problemi minhabba l-purcissjoni. Il-Kunsill qabel li din ghandha tinbidel.

7.6 Emanuel Muscat staqsa ix-xoghol tas-siment li kellu jsir fuq il-bankina tal-Familja Ghirxi ta' Triq il-Madonna tal-Virtu'. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat li l-handyman tal-Kunsill kien mar fuq il-post u tkellem mar-residenti u li issa kellu jerga' jmur biex jaghmel ix-xoghol mehtieg.

7.7 Emanuel Muscat staqsa dwar il-problema ta' l-ilma ta' Zarenu Xuereb. Is-Sindku spjega li jrid jinstab kuntrattur sabiex jaghmel dan ix-xoghol.

7.8 Emanuel Muscat talab sabiex meta jkunu ser jigu ppublikati avvizi ghandhom jintbghatu anke permezz ta' email lill-Kunsilliera pero' ma jkunx hemm bzonn ta' approvazzjoni minn qabel. Is-Sindku spjega li l-avvizi li jigu ppublikati jkunu diskussi waqt il-laqgha tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

7.9 Is-Sindku spjega li l-programmi ta' l-attivitajiet jigu imhejjija u ikkrejati mill-amministrazzjoni u wara jigu approvati waqt il-laqgha tal-Kunsill.

7.10 Is-Sindku ippropona lill-Kunsilliera sabiex jekk jixtiequ ihejju u jikkrejaw programm ghall-Seher il-Punent u jaghtu daqqa t'id waqt l-attivita' infisha.

7.11 Il-Vici Sindku issugerixxa sabiex jinholoq sotto kumitat ghal Seher il-Punent li jkun kompost minn persuna minn kull ghaqda tal-lokal sabiex jghinu fl-organizazzjoni ta' Seher il-Punent. Id-Deputat Segretarju qal li din is-sistema ga kienet adottata kemm il-darba pero' minkejja li xi uhud mill-Ghaqdiet kienu jattendu ghal-laqghat xorta wahda il-piz u x-xoghol kien jaqa' kollu fuq il-Kunsill.

7.12 Emanuel Muscat qal li l-avviz li jinhargu mill-Kunsill m'ghandhomx jinkludu avviz minn ghaqdiet lokali ohra sakemm ma tkunx qeghda ssir b'kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega li il-Kunsill dejjem kien miftuh u ta' sapport ghal ghaqdiet bla ebda distinzjoni.

## 8.0 Korrispondenza

8.1 Is-Sindku qara l-Agenda li giet imhejjija ghal-laqgha mall-Ministru ghal Ghawdex. Huwa stieden lill-Kunsilliera sabiex jekk jixtiequ jistghu izidu jew inaqqsu minnha.

Is-Sindku spjega li fir-rigward ta' Eko Ghawdex, il-Kunsill kien ircieva korrispondenza fejn kienet qed titlob sabiex il-Kunsill jew jixtri il-vetturi li kellu applikati fil-progett jew inkella irid jirritorna l-flus li kien inghataw ghalihom. Huwa ghalhekk li din il-materja kienet tnizzlet fuq l-Agenda sabiex tigi diskussa mall-Ministru ghal Ghawdex.

Peress li l-Vici Sindku ma kienx prezenti meta kien qed jigi implimentat dan il-Progett is-Sindku spjegalu l-progett f'hiex kien jikkonsisti.

8.2 Il-Vici Sindku semma li taht il-Wied ta' Jodros fi Triq Virtu' hemm xi materjal li intefa' hemmhekk. Is-Sindku issugerixxa li ser jigi inkarigat il-Handyman tal-Kunsill Emanuel Saliba sabiex jingabar dan il-materjal.

8.3 Emanuel Muscat gibed l-attenzjoni li l-Ministeru ghal Ghawdex mhuwiex responsabbli mill-Berga tal-lokal u din taqa' taht il-Ministeru tas-Sahha. Is-Sindku spjega li huwa kellu korrispondenza permezz ta' l-email mall-persuna responsabbli, Dr. Renzo De Gabriele u din il-persuna kienet infurmatu li dawn kienu ser jghinu biss billi jipprovdu z-zebgha ghal dan il-post.

8.4 Emanuel Muscat qal li huwa infurmat li Brian Bonnici huwa l-persuna responsabbli mill-Bereg tal-lokal. Emanuel Muscat talab il-permess sabiex jaghmel kuntatt mas-Sur Bonnici sabiex issir jivverifika mieghu. Huwa talab lis-Sindku sabiex il-mobile jintefa' fuq conference call u s-Sur Bonnici ikun jista' jitkellem mall-Kunsill. Wara din id-diskussjoni s-Sur Bonnici informa lill-Kunsill li diga zarhu xi bereg f' Ghawdex. Is-Sindku infurmah li tal-lokalita' taghna kienitx inkluza u ghal dan il-ghan kien kiteb lil Dr. Renzo Degabriele isem. Is-Sur Bonnici qal li qeghda issir diskussjoni sabiex il-Bereg tal-lokalita' jigu diskussi waqt seduta tal-kabinet biex dawn jigu attrezzati kif suppost u wara jigu devoluti lill-Kunsill Lokali. Is-Sur Bonnici informa lill-Kunsill ukoll li ser ikun qieghed Ghawdex il-Gimgha 21 ta' Frar u ser izur il-Berga tal-lokalita'.

8.5 Is-Sindku issugerixxa ukoll li ghandha titnizzel fuq l-Agenda l-iskema tal-PPP tat-toroq. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

8.6 Minghand is-Segretarjat Parlamentari ghad-Drittijiet ta' Persuni B'Dizabilita' u Anzjanita' Attiva' fejn ser issir kompetizzjoni intitolata A+Accessibility Award fejn il-Kunsilli Lokali ikunu jistghu jinvestu f'progetti li jziedu l-accessibilita' ghall-persuni b'dizabilita' fil-lokalita'. Saret diskussjoni dwar dan is-suggett u kull min ser ikollu xi suggeriment ser jghaddih lill-Kunsill.

8.7 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand l-Gozo College Gharb Primary School:-
Talba sabiex il-Kunsill jghin lill-iskola sabiex parti mis-sol tat-twieqi tan-naha taz-zghar isirilha l-irham nieqes li hemm. Il-Kunsill approva din it-talba

Talba sabiex fil-Foundation Day ta' l-iskola fil-11 ta' April, il-Kunsill jqassam kotba lit-tfal tal-lokalita'. Il-Kunsill approva din it-talba.

8.8 Emanuel Muscat semma li r-resident Thomas Curmi li joqghod fil-parti t'isfel ta' Triq Trux ghandhu hsara fil-bini kawza ta' arblu tal-bozza tad-dawl li hemm imwahhal mall-post tieghu. Is-Sindku spjega li dan ir-resident kien diga ilmenta dwar dan u dwar il-cables ohra li ghandu mall-faccata. Dan l-ilemnt kien moghdi lill-Enemalta u l-entitajiet koncernati. Dak inhar kien issuggerit li jehel arblu fil-post sabiex ikunu eliminati il-cabels minn mal-faccata. Dan ir-resident kellu jitkellem mal-entitajiet sabiex tinstab sulluzjoni. Il-Kunsill ma jidholx essag pero' irridu noqghodu attenti li jekk tinqala' bozza ikollna l-post ghaliha bla problema sabiex ikun jista' jitnehha l-arblu trid issir applikazzjoni ma' l-Enemalta.

**9.0 Aggornament**

9.1 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu, 2014.

9.2 Il-laqgha spiccat hin 7.15pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv